MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 2754/1996/1

**Concrete Products Limited**

**vs**

**Perit Edgar Rossignaud**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI</u>**
**<u>IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Settembru, 1996, is-socjeta` attrici wara li ppremettiet li ghandha tiehu s-

somma ta’ Lm1625 bilanc ta’ prezz ta’ materjal ta’ bini minghand il-konvenut, kif ukoll is-somma ta’ Lm780 imghaxijiet ikkalkolati sal-15 ta’ Lulju, 1996, b’kollox Lm2405, talbet lill-Ewwel Qorti li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ Lm2405 (elfejn, erba’ mija u hames liri Maltin), ghar-ragunijiet premessi bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ qbid u sekwestru numri 4416/96 u 4417/96.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa li t-talba tas-socjeta` attrici in kwantu diretta kontrih personalment hi manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt, u b’dan (li) is-socjeta` attrici kienet giet debitament notifikata fit-28 ta’ Awissu, 1996, b’risposta tas-26 ta’ Awissu, 1996, ghall-ittra ufficjali taghha tal-31 ta’ Lulju, 1996.

Illi, in oltre, l-esponent qatt ma assuma l-obbligu li jhallas il-kontijiet tal-klijent tieghu; jista’ jkun li f’xi zmien ta direttiva li kien jinhtieg xi materjal, pero`, dejjem b’responsabilita` tal-klijent ghall-hlas.

Fid-dikjarazzjoni, l-esponent, kompla jzid li d-direttiva trid bilfors tinghata mill-perit, billi l-planki tal-konkrit huma ta’ qisien u funzjoni differenti u hu l-perit li jiddeciedi liema tip ta’ planki ghandhom jintuzaw f’xoghol determinat.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza tat-2 ta’ Ottubru, 2000, l-Ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-tabiet attrici, u kkundannat lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm2405 oltre l-imghax legali mis-16 ta’ Lulju, 1996, u dana b’riserva ta’ kull dritt spettanti lill-konvenut si et quatenus, kontra terzi persuni.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

4. Il-konvenut hassu aggravat minn dina d-decizjoni u interpona appell minnha quddiem dina l-Qorti fuq l-aggravju li gej:

4.1 Is-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti, bir-rispett kollu dovut, tikkostitwixxi precedent perikoluz.

Il-prattika segwita u accettata fil-professjoni, hi li l-ordnijiet jaghtihom il-perit u l-kontijiet ihallashom il-klijent. Dan il-principju, ghall-professjoni tal-Periti, hu ta' importanza fundamentali. Fil-prezent, certament aktar milli fil-passat, progetti ta' zvilupp jirrikjedu spejjez ingenti, u ghall-periti hu essenzjali li ma jigix kreat xi malintiz li l-Perit hu personalment responsabbli ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-progett.

Il-Perit naturalment ghandu r-responsabilitajiet inaljenabbli f'kull zvilupp li jsir taht is-sorveljanza tieghu, pero`, certament dawn l-obbligi ma jinkludux ir-responsabilita` ghall-hlas tal-kontijiet u spejjez tal-kostruzzjoni.

4.2 <u>Obbligazzjonijiet Kuntrattwali</u>

(1) Is-socjeta` attrici qed tippretendi minghand il-konvenut prezz ta' planki tal-concrete ordnati minnu. L-accetazzjoni ta' l-ordni ma ssirx bit-telefon, izda bil-miktub; fejn jigi espressament indikat x'tip ta' materjal ser jigi fornut, il-prezz u l-firem, cioe` l-konferma ta' l-obbligu tal-konsenja ta' certu xoghol partikolari u konferma tal-prezz u l-accettazzjoni ghall-hlas.

Dan id-dokument li jikkonferma li saret <u>din</u> l-ordni u <u>minn min</u>, is-socjeta` attrici ma pproducitux. Hu koncess li ghadda z-zmien u li, nel frattemp, miet l-impjegat tas-socjeta` attrici li kkonkluda n-negozju mal-klijent, u li s-socjeta` attrici biddlet l-ufficju, pero` dan ma jfissirx li s-socjeta` attrici kellha d-dritt tesigi l-ammont mill-Perit – semplicement ghax irrizultalha li l-konvenut kien il-Perit inkarigat mill-progett.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut assuma l-obbligu tal-hlas? Certament li le. L-esponent ihossu ingurtament aggravat mill-asserzjonijiet gratwiti flok konkluzjonijiet dettati mill-provi, li saru mill-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha.

(2) Inter alia qalet hekk:

*Mill-provi prodotti jidher li r-relazzjoni tas-socjeta` attrici kienet sa mill-bidu mal-konvenut. In fatti, jirrizulta li sew l-istima originali (Dok ER1) kif ukoll l-istatements dwar xogholijiet ordnati minghand is-socjeta` attrici kienu indirizzati lill-konvenut. Mhux hekk biss, izda l-istess konvenut, indika jew ta indirizz tieghu fis-Swieqi, lis-socjeta` attrici u hemm kienu jintbaghtu l-kontijiet.*

Bir-rispett kollu, mhux sufficjenti li “jidher” izda jrid “jirrizulta”. Il-Qorti ikkonkludiet li l-fatt li kien indikat l-indirizz tal-konvenut dan ifisser li kien tah hu stess lis-socjeta` attrici. Dan, pero`, ma rrizultax mill-provi; il-konvenut innega kategorikament, u s-socjeta` attrici, una volta l-unika referenza li kellha ghal dan ix-xoghol kien isem il-Perit, hu facli, anke` permezz ta’ Direttorju tat-telephone biex issir taf l-indirzz. Din il-konsiderazzjoni, ghalhekk, ma rrizultatx mill-provi, u hi erronja.

(3) Proceduralment, l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega (Art 562 Kap 12) u skond l-Artikolu 559 Kap 12 ghandha tingieb l-ahjar prova. Huwa fatt li ma gie prodott l-ebda dokument iffirmat mill-konvenut li jikkonferma li l-ordni saret minnu, u li assuma l-obbligu tal-hlas. Gew prodott biss dokumenti redatti unilateralment minn parti wahda li, ghalhekk, mhumiex vinkolanti fuq il-parti l-ohra bhala obbligazzjoni kuntrattwali bilaterali.

(4) Hemm ukoll il-konsiderazzjoni ta’ valutazzjoni tal-provi. Minn banda ghandek is-socjeta` attrici li pproduciet xhieda li ma kienux direttament involuti, izda xehdu biss dwar dak li rrizultalhom mir-records li sabu. Mill-banda l-ohra, ghandek il-konvenut, li ghad-differenza tax-xhieda tas-socjeta` attrici kien involtu direttament, fis-sens li kkonferma li l-intervent tieghu kien limitat li jindika l-ispecifications ta’ l-ordni u xejn aktar.

Jigi umilment sottomess li, fic-cirkostanzi, kellha tigi accettata l-verzjoni tal-fatti kif indikati mill-konvenut

4.3 (1) L-ewwel Qorti rrilevat li fin-negozju s-socjeta` attrici tkun marbuta mal-persuna li taghmel l-ordni u ma

jistax jinghad fi stadju ulterjuri li dik l-ordni saret ghal persuna ohra.

L-argument hu validissimu, izda, gie applikat hazin ghal dan il-kaz.  L-ordni saret mill-klijent, tramite l-impjegat tas-socjeta` attrici, George Sammut u mhux mill-konvenut.  Li gara kien li ghal diversi ragunijiet intilfet id-dokumentazzjoni originali dwar dan in-negozju u billi l-unika informazzjoni li kellha s-socjeta` attrici kien l-isem tal-perit – ipprocediet kontrih.

(2)  L-ewwel Qorti ddikjarat li terza persuna tista' thallas id-debitu ta' haddiehor.  Dan hu wkoll korrett; pero` hi zbaljata l-applikazzjoni u r-referenza ghall-kaz in ezami.  In fatti, irrizulta li zewg kontijiet precedenti fuq l-istess zvilupp ma thallsux mill-konvenut; in oltre l-konvenut ikkonferma bil-gurament li hu ma ordna l-ebda planki, allura, fic-cirkostanzi, ma jistax wiehed jikkonkludi li l-obbligu ghall-hlas kien tal-konvenut, u li dan in parti, thallas minn haddiehor.  Anzi l-fatt li rrizulta li dawn iz-zewg pagamenti thallsu minn terz, jikkorrobora perfettament il-verzjoni tal-konvenut li hu mhux id-debitur.

4.4  (1)  L-ewwel Qorti ngustament ippenalizzat lill-konvenut ghaliex ma sejjahx fil-kawza lill-klijent tieghu Philip Degiorgio.  Dwar dan ghandu jigi relevat li hu imbarazzanti ghall-Perit li jinvolvi lill-klijent tieghu billi jikkjamah hu stess, meta fil-prezent ghad qed jahdimlu xoghol ta' certa entita`.  In oltre, l-esponent deherlu li l-posizzjoni tieghu u l-verzjoni minnu moghtija kellha tigi accettata.

(2)  Skond l-Artikolu 961 tal-Kap 12, il-kjamata fil-kawza tista' ssir f'kull waqt qabel is-sentenza ta' l-ewwel grad – u stante dak li rrizulta mill-provi, kien obbligu tas-socjeta` attrici li tikkjama in kawza lil Philip Degiorgio u mhux il-konvenut li kkonferma li ma ordnax ix-xoghol izda semplicement indika l-ispecifications; multo magis meta s-socjeta` attrici kienet konxja minn dan il-fatt qabel ma saret il-kawza (Ara affidavit ta' Christabel Ellul).

(3) Dwar il-kjamata in kawza fl-istadju ta’ appell, jinghad li din ma tistax tintalab fi stadju ta’ Appell – App Kos 21.10.85 Perit Vincent Galea vs Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku et; pero` tista’ tigi ordnata mill-Qorti ghall-ekonomija ta’ gudizzju u biex tigi amministrata l-gustizzja (Ara App. Civ. 10.6.1968 – Joseph Fenech vs Albert Salamone) fejn il-Qorti ta’ l-Appell annullat l-ewwel decizjoni, u rremettiet l-atti mill-ewwel Qorti ghas-sejha fil-kawza ta’ ohrajn proprjetajiet ta’ garages ohra, biex tigi deciza l-kwistjoni tal-proprjeta` ta’ l-arja anke` fil-konfront taghhom.

## IL-PRESKRIZZJONI

5 (1) L-esponent qed bil-prezenti, f’dan l-istadju, jeccepixxi l-Preskrizzjoni.

Hu accettat mill-gurisprudenza taghna li dina l-eccezzjoni tista’ tinghata anke fl-istadju ta’ Appell – ara Balzan vs Chetcuti, Vol 34 P1 P329, u skond l-Artikolu 732(1) tal-Kap 12 “eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-Qorti fil-grad ta’ Appell, ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-Qorti ta’ l-ewwel grad.”

(2) L-invoice in kwistjoni jgib id-data 21 ta’ Lulju, 1990, u l-ittra ufficjali giet ipprezentata fil-31 ta’ Lulju, 1996 – aktar minn sitt snin wara.

L-azzjoni hi preskritta sia ghat-terminu ta’ l-Artikolu 2149(a) tal-Kap 16, preskrizzjoni ta’ sentejn ghall-azzjonijiet ta’ kuntratturi fosthom dawk tal-bini ghal xoghol minnhom fornut; u sia ghat-termini ta’ l-Artikolu 2156(f) preskrizzjoni ta’ hames snin ghall-obbligazzjonijiet kummercjali li ma tkunx milquta bi preskrizzjonijiet iqsar.

Il-konvenut dejjem sostna li ma kienx id-debitur u, ghalhekk, ma kien hemm l-ebda rikonoxximent li jgib l-interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant il-konvenut appellant talab li, in vista tal-premess, dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-

Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet "Concrete Products Limited vs Perit Edgar Rossignaud", Citazzjoni Numru 2754/96AJM billi tichad it-talbiet attrici, u tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-esponent, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Dan hu appell minn decizjoni dwar kawza ghal hlas ta' fornitura ta' materjal, bl-interessi legali fuq l-ammont dovut, istitwita mis-socjeta` attrici appellata kontra l-konvenut appellant.

Dik li suppost kienet kawza b'meritu semplici hafna jirrizulta li l-kontendenti ghamlu hilithom kollha biex jirrenduha difficli – frott ta' inkompetenza u negligenza da parti tas-socjeta` appellata u testardaggini barra minn lokha da parti tal-konvenut appellant.

7. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut ghamel ordni ta' materjal tal-bini konsistenti fi planki. Jirrizulta li dawn il-planki effettivament twasslu fil-post indikat mill-konvenut, li huwa perit arkitett. Is-socjeta` fornitrici qeghdha tallega li l-konvenut baqa' ma hallasx ta' din il-konsenja. Il-konvenut eccepixxa li ghalkemm tassew deher hu biex issir l-ordni, in realta` pero` l-materjal ma kienx ordnat ghalih imma l-ordni kien ghamilha f'isem certu Philip Degiorgio. Minn hawn 'il quddiem il-kawza tidhol fl-isfera ta' l-assurd.

Jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet agixxiet ghall-hlas kontra l-konvenut, aktar minn hames snin wara li dan suppost kien ghamel l-ordni. Bhala dokumentazzjoni s-socjeta` appellata esebiet biss 'statement' – ara Dok MG1, a fol 15 tal-process – bid-data tal-21 ta' Lulju, 1990. Fix-xhieda tieghu, Mario Gatt, Financial Controller tas-socjeta` attrici, seta' biss jirreferi ghal "data" fil-kompjuter tas-socjeta`. Di xjenza proprja ma kien jaf proprju xejn. Pero` importanti li jigu nnutat – ara xhieda ta' Mario Gatt, a fol. 23 tal-process – li ghas-socjeta` attrici l-kont kien relatat <u>ma' ordni wahda partikolari</u>. Fi kliem ix-xhud,

“Din l-ordni partikolari – ghax hux it-tieni jew it-tielet sular ma konniex nidhlu fiha ghax konna nissabkontrakjaw (sic) anke jista’ jkun li l-klijent, il-perit qabbad lil xi hadd, imbaghad jirranga hu jekk hux se jtellghu l-ewwel, it-tieni u t-tielet sular.”

Mela skond dan ix-xhud, huma kienu jafu biss lill-konvenut bhala d-debitur u ma kienx jinteressahom ghal min jew ghalxiex kien gie ordnat il-materjal. Ix-xhud ikkonferma – dejjem mir-“records” tas-socjeta` li dan il-kont baqa’ ma giex imhallas, u dan minkejja li mill-1990 sal-mument li xehed, il-“premises” tas-socejta` inbidel “xi darbtejn u iktar u iktar ir-‘records’ l-antiki ma kienux inzammew (sic)”.

Christabel Ellul xehdet b’affidavit li s-socjeta` attrici interpellat lill-konvenut biex ihallashom billi mir-“records” tas-socjeta` kien baqa’ jidher li dan il-kont partikolari ma thallasx. Ix-xhud kompliet hekk (ara affidavit a fol 47 tal-process),
“Fil-fatt ghandi notament li fis-27 ta’ Marzu, 1995, huwa (i.e. il-perit Rossignaud) kien cempilli wara li hallejtlu risposta. Niftakar li kien qalli li dak ix-xoghol minkejja li ordnat minnu kien ghal xi hadd li kien jismu Philip Degiorgio. Dan il-perit qalli wkoll li dan Degiorgio kien klijent tieghu u li kien hallas lil George Sammut li kien Manager qabel ma dhalt jien, u fil-fatt kien miet ftit xhur wara li bdejt nahdem jien mas-socjeta` Concrete Products”.

Issa jekk wiehed iqabbel din ix-xhieda ta’ Ellul ma’ dak li eccepixxa u xehed dwaru l-konvenut isib li hemm qbil kwazi shih. Li jistona hu li l-konvenut appellant ippretenda, u ghadu jippretendi, li l-oneru tal-prova li l-ordni ma saritx f’ismu imma fuq isem u fl-interess ta’ Philip Degiorgio kienet tispetta lil, u tinkombi fuq, is-socjeta` attrici. Il-konvenut, in proprja diskolpa, seta’ facilment jitlob li jissejjah fil-kawza dan Philip Degiorgio. Ferm izjed facli seta’ almenu jipproduci lil dan Philip Degiorgio b’xhud tieghu biex jikkonferma dak li l-konvenut stess eccepixxa. Imma minn dan kollu, il-konvenut m’ghamel xejn peress li baqa’ jistina rasu fuq il-pretest li dan Philip Degiorgio kien klijent tieghu u kien

“imbarazzanti ghall-Perit li jinvolvi lill-klijent tieghu billi jikkjamah hu stess, meta fil-prezent ghad qed jahdimlu xoghol ta’ certu entita`” (ara para 8.4.1 tar-rikors ta’ appell). Fil-fehma tal-Qorti mhux bizzejjed li tghid, bhalma qed isostni l-konvenut, li huwa kien qieghed isegwi “prassi” stabbilita. Meta nxtehet dubbju min-naha tal-parti li forniet il-materjal dwar fuq min kienet l-ordni, kien jispetta lill-konvenut, bhala l-persuna li effetwat l-ordni, li ticcara l-posizzjoni darba ghal dejjem. Dan seta’ facilment isir izda l-konvenut ghazel triq differenti billi ppretenda li kienet il-kontroparti li ghandha tforni din il-prova. Izda proceduralment dan ma kienx jaghmel sens meta s-socejta` attrici mill-bidunett irriteniet li hija kienet taghraf biss lill-konvenut bhala l-persuna li ghamlet l-ordni. Diversament, kien ikun ifisser li s-socjeta` attrici qeghdha turi li kienet indeciza. Ghalhekk taht dan l-aspett ta’ evalwazzjoni ta’ provi fil-meritu, din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma ghandux ragun u l-Ewwel Qorti ddecidiet tajjeb dwaru.

**Dwar il-preskrizzjoni**

8. Fil-mori ta’ l-appell, il-konvenut appellant issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Huwa ccita zewg artikoli mill-Kap. 16 li jistghu jghoddu ghall-kaz, igifieri l-Artikolu 2149(a), ossia l-preskrizzjoni tas-sentejn, u l-Artikolu 2156(f) igifieri l-preskrizzjoni kwinkwennali. Sija taht wahda, kemm taht l-ohra, jissottometti l-appellant, l-azzjoni attrici tidher li kienet preskritta.

Tajjeb li jinghad li ghal din l-eccezzjoni, kif ukoll *del resto* ghar-rikors ta’ appell, is-socjeta` appellata baqghet ma wiegbet assolutament xejn.

9. Jigi osservat li l-preskrizzjoni tista’ titqajjem mill-parti anke fl-istadju ta’ l-appell. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija ammissibbli anke f’dan l-istadju.

Mill-atti jirrizulta li l-fattura murija mis-socjeta` attrici ggib id-data tal-21 ta’ Lulju, 1990. Saret riferenza ghall-ispedizzjoni ta’ ittra ufficjali – li ma tirrizultax pero` li giet esebita – in data tal-31 ta’ Lulju 1996. Fi kliem iehor, kienu gja` ghaddew sitt (6) snin mill-ahhar “invoice”.

Irrizulta in oltre li l-konvenut qatt ma accetta jew assuma li kien hu li kellu jhallas dan il-kont. Ma kien hemm xejn milli jzomm lis-socjeta` attrici li tiehu passi bil-ligi kontra d-debitur. Hija tghid li bil-fatt li, skond hi, id-debitur kien arkitett kellha "mohha mistrieh" dwar il-pagament izda l-konvenut dejjem ikkontenda li hu personalment ma kellu x'jaqsam xejn ma dan id-dejn.

10. Dwar liema miz-zewg preskrizzjonijiet fuq imsemmija hija applikabbli ghal dan il-kaz, hemm zewg manjieri kif wiehed jista' jhares lejn din il-kwistjoni. Skond ma xehed il-konvenut, hawn si trattava ta' fornituri li jissuktaw bejn zewg entitajiet kummercjali. Dan allura jfisser li x'aktarx kellha tapplika preskrizzjoni ta' hames snin. Mill-banda l-ohra, imbaghad, li kieku wiehed jaccetta dak li xehdu x-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici hawn si trattava ta' fornitura wahda partikolari li ifisser allura li ghandha tapplika l-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16. Fi kwalunkwe kaz, kemm wahda u kemm l-ohra, il-perijodu preskrittiv ghaddha u ghalhekk jidher li l-azzjoni attrici kienet preskritta u dana l-aggravju ghalhekk huwa fondat. Fl-istess waqt pero`, din il-Qorti ma tarax ghaliex il-konvenut halla dina l-eccezzjoni ghall-istadju ta' l-appell meta seta' liberament jissollevaha fl-ewwel istanza. Ghaldaqstant ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-konvenut in kwantu bbazat fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u, filwaqt li tiddikjara l-azzjoni attrici bhala preskritta, tirrevokaha u thassar is-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2000, b'dan li l-kap ta' l-ispejjez ghandu jigi sopportat hekk: dawk l-ispejjez relativi ghall-ewwel istanza jithallsu interament mill-parti appellanti filwaqt li dawk relativi ghall-istanza fl-appell jithallsu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------